MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 139/2011

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Marjanu Zahra**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn Lulju 2006 u Settembru 2006 b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu tal-Water Services Corporation ai Termini ta'l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura

kummercjali jew ta bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fliskrittura jew bil-firem billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai Termini ta'l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta'l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Marzu, 2011, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 184 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li illiberat lill-imputat mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront
tieghu, sabithu hati ta'l-ewwel u t-tielet akkuzi u ikkundannatu ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li ghamlet u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed gie sospiz ghal-zmien tlett snin minn dakinhar.

Il-Qorti wisest lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat ihallas lir-Regstratur tal-Qorti is-somma ta' €1148.14 in konnessjoni ma'l-ispejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2011, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn gie lliberat mit-tieni imputazzjoni u thassar dik il-parti fejn gie misjub hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u fejn gie kkundannat ghal-sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin u ghal-hlas ta' l-ispejjez peritali u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ma setghat qatt issib htija dwar l-ewwel u t-tielet akkuza migjuba fil-konfront ta'l-appellant u dan ghaliex mill-provi prodotti l-unika dokumenti li kien igib ness bejnhom u bejn l-esponent kienu dawk li ma kienux jinkwadraw fil-perjodu li dwaru kien jinsab akkuzat l-esponent. F'dan il-kuntest l-esponent jirreferi lill din l-Onorabbli Qorti ghas-sentenza taghha stess fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Michael Cini*. Dwar kull dokument iehor mressaq bhala prova f'din il-kawza, il-prosekuzjoni b'ebda mod ma holqot ness fattwali li jorbot mal-esponent u per tant ebda responsabilitá dwar dawn ma'setghat giet attribwita` lilu.

Illi l-ewwel Qorti ma setghatx tikkundanna lill-esponent ghal-hlas tal-ispejjez peritali u dan peress illi dawn gew inkorsi in konnessjoni ma' imputazzjoni li dwarha l-espinent gie ddikjarat mhux hati.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-sajf tal-2006 il-Water Services Corporation kellha arrangament ma zewg pompi tal-petrol Regional Service Station go l-Msida u l-pompa G. Camilleri Petrol Station taz-Zurrieq sabiex dawn jissupplixxu "fuel" lil impressed drivers taghha kontra "requisition vouchers" illi l-istess drivers kienu jgibu minn ghand l-ufficjali tal-Korporazzjoni.

Dak is-sajf xi ufficjali responsabbli mill-ghoti tal-"vouchers" innota illi kien hemm diskrepanzi bejn il-"fuel" li kien gie uzat mix-xuffiera taghhom u r-"requisition vouchers" illi kienu jinhargu lill-istess xuffiera biex jakkwistaw il-"fuel".

Irrizulta wkoll illi kien hemm xi kotba tal-"vouchers" illi kienu neqsin.

Ghalhekk il-kaz gie rappurtat lill-Pulizija li bdew bl-investigazzjonijiet taghhom.

Iz-zewg sidien tal-pompi fuq imsemmija indikaw lill-appellant bhala xufier li kien jiehu l-"fuel" fil-lanet u li kienu f'ammonti kbar aktar minn shabu impressed drivers ohra.

Fit-23 ta’ Novembru 2006 l-appellant gie notat qed jipprova jiehu l-« fuel » mill-pompa tal-petrol ta’ Regional Road u gie intercettat mill-Pulizija.

F’dik l-okkazzjoni l-imputat kellu f’idejh zewg “requisition vouchers” ghal “fuel” u kien qed jimla d-diesel f’erba` lanet. Dawn iz-zewg “requisition vouchers” huma esebiti bhala dokument MZ5 bid-data 22 ta’ Novembru 2006 u MZ6 bid-data 24 ta’ Novembru 2006.

Wara l-arrest tieghu l-imputat stqarr illi dawn il-“vouchers” kien sabhom fil-parking area tal-Korporazzjoni fejn is-sezzjoni tal-dranagg fil-hamrija. Jghid illi kienu mimlijin lesti u hu mar jixtri l-“fuel” bihom. Deherlu illi kellu jaghmel hekk ghax kellu jiehu xi flus minn ghand il-Korporazzjoni ghal xi xoghol li ghamel u kien ghadu ma thallasx tieghu u ghalhekk b’dan il-mod haseb li seta` jpaci l-ammont dovut lilu (ara stqarrija tal-imputat a fol. 19 u 21).

Fil-kors tal-kawza, l-prosekuzzjoni esebit diversi “requisition vouchers” li jkopru l-perjodu bejn Jannar u Settembru 2006. dawn il-« vouchers » gew murija lis-sidien taz-zewg pompi tal-petrol u cioe` Edward Camilleri dak ta’ G. Camilleri Petrol Station taz-Zurrieq u Louis Vella ta’ Regional Road Service Station ta’ l-Msida. Dawn ikkonfermaw illi fil-maggor parti tal-kazijiet kien l-appellant li jiehu l-« fuel » fil-lanet u kienu jaf illi dawn il-« vouchers » jippartjenu lilu ghaliex kien jiehu ammonti kbar ta’ « fuel » meta imqabbel ma’ dawk ta’ xufiera ohra is-sidien tal-pompi ma kellhom l-ebda mezz sabiex jivverifikaw il-firem fuq il-« vouchers », ghalhekk kull ma kienu jaraw kien l-ammont ta’ « fuel » indikat fuqhom, jissupplixxu dak l-ammont lill-imputat biex umbaghad tghaddu kopji ta’ dawn il-« vouchers » lil Water Services Corporation ghal hlas.

Naturalment meta qamet din il-kwistjoni l-Korporazzjoni ma hallsitx lis-sidien tal-pompi ghal dawn il-« vouchers » minhabba l-konnessjoni ma’ dan il-kaz.

Irrizulta minn konkluzzjoni ta' l-espert tal-kaligrafija Dr. Guliana Scerri Ferrante li l-firem li kienu jidhru fuq il-"vouchers" esebiti kienu kollha iffalsifikati, specjalment dak ta' « authorizing officer » Emanuel Galea. Di piu` rrizulta wkoll illi kien hemm xi firem ohra ta' nies li jidher li qatt ma kienu impjegati mal-Korporazzjoni. L-espert pero` ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni min kien l-awtur tal-firma ffalsifikata.

Dana gaghal lill-Ewwel Qorti tikkonkludi (fol. 238) *« minn dana jirrizulta ghalhekk minghajr l-icken dubju illi l-« vouchers » kollha esebiti mill-prosekuzzjoni u li jinsabu fl-atti processwali huma kollha ffalsifikati u m'ghan hargux ghalhekk b'mod regolari. L-espert madankollu, ma setax jikkonkludi jekk dawn l-istess « vouchers » gewx iffalsifikati mill-imputat. »*

Kien fuq l-eskorta ta' din il-konkluzzjoni tal-espert tal-kaligrafija illi l-Ewwel Qorti deherilha illi ma kellhix issib lill-appellant hati li huwa ffalsifika l-« vouchers » esebiti f'dawn l-atti, pero` waslet ghall-konkluzzjoni illi l-imputat kien jaf illi dawn il-« vouchers » kienu foloz u volontarjament ghamel uzu minnhom u b'hekk sabitu hati ta' frodi u l-uzu ta' dokument falz.

Ikkunsidrat :

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi ma kellux jinsab hati peress illi l-akkuza tirreferi ghall-uzu ta' dokument falz bejn Lulju, Awissu u Settembru 2006. L-unika zewg « vouchers » illi jorbtu direttament mieghu huma dawk dokument MZ5 u MZ6. Dak ta' l-ewwel igib id-data 22 ta' Novembru 2006 u dak ta' l-ahhar 24 ta' Novembru 2006. Dawn iz-zewg « vouchers » instabu fil-pussess ta l-appellant meta gie arrestat fit-23 ta' Novembru 2006.

Jibda biex jinghad illi l-ispjegazzjoni tal-appellant kif gie fil-pussess ta' dawn iz-zewg « vouchers » hija ghal kollox inveritiera, m'ghandhix mis-sewwa w m'ghandhix titwemmen. L-appellant jghid illi huwa sab dawn il-« vouchers » fil-« parking area » tal-Korporazzjoni fejn is-

sezzjoni tad-dranagg fil-hamrija. Meta persuna taghti spjegazzjoni illi ma tistax tigi kontrollata allura taqa` taht il-koppa tal-possibbli li ma tiswa xejn bhala prova fl-Awla Kriminali.

Ghal bqija tal-« vouchers » illi hargu bejn Jannar u Settembru 2006 dawn gew ipprezentati lis-sidien tal-pompi tal-petrol u dawn gharfu lill-appellant bhala l-persuna li kien jiehu l-« fuel » permezz ta' dawk il-« vouchers ».

L-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha dahlet fil-fond f'dan l-aggravju u rriproduciet il-brani tax-xhieda fejn dawn indikaw lill-appellant bhala l-persuna li kien jiehu l-« fuel » u mill-liema fatti speci huma gharfu lill-appellant.

Iz-zewg sidien kienu certi mill-identifikazzjoni taghhom peress illi kien biss l-appellant bhala xufier tal-Korporazzjoni li, fl-ewwel lok kien jiehu l-« fuel » fil-lanet u li kien jiehu « fuel » f'ammonti illi jeccedu l-erbghin litru. Fil-fatt il-« vouchers » esebiti kollha fihom ammont indikat ammont ta' « fuel » illi jeccedi l-erbghin litru.

Il-Qorti waslet ghall-konkluzzjoni « illi dana kollu jwassal ghall-konvinciment morali ta' dina l-Qorti illi hemm nes bejn il-« vouchers » kollha esebiti fl-atti u l-imputat.

Lill-Qorti rrizultalha *« ammont konsiderevoli ta' « vouchers » kollha foloz li ghamel uzu minnhom l-imputat u mhux il-kaz illi huwa bi zball ghamel uzu minn xi wahda minnhom. Kwindi ma hemmx dubju illi l-imputat ghamel uzu minn dawn il-« vouchers » iffalsifikati sabiex ikun jista` jikseb il-« fuel » b'xejn ghad-dannu tal-Water Services Corporation fejn kien impjegat. »*

Wara li din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi illi kellha quddiemha l-Ewwel Qorti tasal ukoll ghall-istess konkluzzjoni u cioe` illi fiz-zmien indikat l-appellant volontarjament ghamel uzu minn dokument falz sabiex huwa jirrakkixxi ruhhu ghad-dannu tal-Water Services Corporation.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Ikkunsidrat :

Fit-tieni aggravju tieghu l-appellant qieghed jargumenta illi ma kellux jigi misjub responsabbli ghal perizja peress illi dawna gew inkorsi in konnessjoni mal-imputazzjoni illi dwarha l-appellant gie ddikjarat mhux hati.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument.

L-espert gie nominat biex jezamina l-« vouchers » esebiti u jara jekk dawna kienux foloz jew iffalsifikati u rrizulta li fil-fatt il-« vouchers » kienu kollha ffalsifikati. Ma rrizultax illi kien l-appellant li ffalsifika d-dokumenti, pero` rrizulta ghamel uzu minnhom. Ghalhekk hemm konnessjoni diretta bejn l-uzu illi ghamel l-appellant ta' dokument falz u l-perizja illi kkonfermat il-falsita` tad-dokument.

L-Ewwel Qorti ghalhekk ghamlet sew fejn ordnat lill-appellant li hallas l-ispejjez peritali.

Fl-isfond ta' dan kollu, hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi mismugha mill-Ewwel Qorti u tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli u legali fil-konkluzzjoni taghha. Ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta` u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------